MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 55/2008/1

**Clayton Communications Company Limited**

**v.**

**L-Onorevoli Prim Ministru, l-Avukat Generali, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell interpost mill-Avukat Generali u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud minn zewg sentenzi moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali u “konvenzjoni” taghha datati 3 ta’ Marzu 2009 u 8 ta’ Mejju 2009.
Bis-sentenza tat-3 ta’ Marzu 2009 l-ewwel Qorti helset lill-Onorevoli Prim Ministru u lill-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud mill-harsien tal-gudizzju; cahdet l-eccezzjoni tal-Avukat Generali li hu ghandu jinheles mill-harsien tal-gudizzju; ghazlet li, dwar l-ilmenti ta’ ksur ta’ jedd ta’ proprjeta` u tal-jedd ghal tribunal indipendenti, ma tinqediex bis-setghat taghha taht il-Kostituzzjoni u l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja; u ordnat li jitkompla s-smigh dwar l-ilment ta’ ksur tal-jedd ghal access ghal Qorti u ghal smigh u decizjoni fi zmien ragjonevoli.

F’dik is-sentenza l-ewwel Qorti ddecidiet hekk:

“F’din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob rimedju għax tgħid illi nkisru l-jeddijiet tagħha għal smigħ xieraq u għall-ħarsien tat-tgawdija tal-beni tagħha, mħarsa taħt l-Art. 39(2) u 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta [“il-Kostituzzjoni”], l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [“il-Konvenzjoni”] u l-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni [“l-Ewwel Protokoll”]. Din is-sentenza tal-lum hija dwar l-eċċezzjoni tal-konvenuti illi tgħid illi l-attriċi kellha rimedji taħt il-liġi ordinarja li kellha tinqeda bihom qabel ma tfittex rimedji taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni, u dwar l-eċċezzjoni illi l-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali għandhom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju u illi korp ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju, bħal ma hu l-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, jistax ikun imħarrek bħala konvenut fi proċeduri ġudizzjari.

“B’rikors ippreżentat fl-4 ta’ Novembru 2008 is-soċjetà attriċi fissret illi f’tilwima li għandha mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud [“il-Kummissarju”] hija għamlet appell li qiegħed jistenna sabiex jinstema’ quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud [“il-Bord tal-Appelli”]. L-attriċi tgħid illi “l-pern tal-appell u l-lanjanza

prinċipali" tagħha huma "prinċipalment ta' natura kostituzzjonali". Għalhekk kienet għamlet talba lill-Bord tal-Appelli sabiex dan jagħmel referenza kostituzzjonali, iżda għadha ma ngħatatx deċiżjoni dwar din it-talba, li kellha ssir, tgħid l-attriċi, għax "la l-Bord u lanqas il-Qorti tal-Appell ma jistgħu jagħtu rimedji xierqa" għall-ksur ta' drittijiet li tgħid illi ġarrbet.

L-ilmenti tar-rikorrenti huma kontra diversi dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ["Kap. 406"].
***"Art. 21(4) – Imgħax bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq***

"L-ewwel ilment jolqot l-Art. 21(4) tal-Kap. 406, li l-attriċi tgħid illi jikser il-jedd għal smigħ xieraq imħares taħt l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni. L-Art. 21(4) igħid hekk:

"" **21.** (4) Ikun dovut imgħax fuq kull taxxa li ma titħallasx sad-data li fiha jkollha titħallas bir-rata ta' wieħed fil-mija għal kull xahar jew parti minnu li l-imsemmija taxxa tibqa' ma titħallasx jew b'kull rata oħra hekk kif jista' jiġi preskritt:

" Iżda l-imgħax li jkun għaddej fuq xi ammont ta' taxxa dovut li jkun il-mertu ta' appell quddiem il-Bord tal-Appelli għandu jiġi sospiż għal perjodu li jeċċedi x-xahrejn mid-data tal-aħħar seduta tal-Bord tal-Appelli li tirrelata ma' dak l-appell u d-data li fiha tingħata deċiżjoni mill-Bord jew sentenza finali mill-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri), skond il-każ."

"Dan l-imgħax, tgħid ir-rikorrenti, huwa "intimidatorju", u jmur kontra l-prinċipju ta' *equality of arms* għax kulljum li jgħaddi jkompli jiżdied u b'din it-theddida jdgħajjef ir-rieda tagħha li tkompli bl-appell. Għalkemm il-liġi stess tagħraf dan – tant li ma tħallix li jgħaddi imgħax bejn l-aħħar seduta tal-Bord tal-Appelli, jew tal-Qorti tal-Appell skond il-każ, u l-jum meta tingħata d-deċiżjoni jew sentenza, jekk dak iż-żmien jaqbeż ix-xahrejn – ma tagħtix rimedju f'każ bħal dak tal-attriċi fejn kien hemm dewmien ta' sentejn sabiex jingħata appuntament għas-smigħ tal-appell.

***"Il-Bord tal-Appelli ma huwiex tribunal indipendenti***

"L-attriċi tgħid ukoll illi l-Bord tal-Appelli, għax jinħatar (taħt ir-reg. 1 tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406) mill-Ministru responsabbli għall-Finanzi – dak li għandu kull interess li jiġbor l-aktar taxxa – jew, f'ċerti każijiet, mill-Avukat Ġenerali – il-kontro-parti taċ-ċittadin f'kawża ta' din ix-xorta – ma huwiex indipendenti.  Lanqas ma huwa l-każ li d-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appelli jkunu mistħarrġa minn tribunal indipendenti bħal ma hija l-Qorti tal-Appell, għax dwar kwistjonijiet ta' fatt ma hemmx appell mid-deċiżjonijiet tal-bord.

***"Imgħax bi ksur tal-jedd ta' proprjetà***

"L-attriċi tkompli tgħid illi l-imgħax u l-penali li jaħseb għalihom l-Art. 37 tal-Kap. 406 iqiegħdu piż eċċessiv u sproporzjonat fuq iċ-ċittadin.  L-imgħax u r-regoli ta' kif igħaddi għandhom element kbir ta' użura li jikser il-prinċipji tal-moralità fiskali u tal-kapaċità kontributtiva. Dan huwa bi ksur tal-jedd ta' proprjetà.

***"Dewmien fl-appuntament tal-appell***

L-attriċi tgħid ukoll illi d-dewmien biex jingħata appuntament għas-smigħ tal-appell jikser il-jedd tagħha għal smigħ xieraq f'qasir żmien.

***"It-talbiet tas-soċjetà attriċi***

"L-attriċi għalhekk talbet illi l-Qorti:

"1. tgħid illi l-Art. 21(4) u 37 tal-Kap. 406 jiksru l-jeddijiet fondamentali tagħha mħarsa taħt l-Art. 37 u 39(2) tal-Kostituzzjoni;

"2. tgħid illi l-istess dispożizzjonijiet tal-Kap. 406 jiksru wkoll il-jeddijiet imħarsa taħt l-Art. 6 u l-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll;

"3. tgħid illi d-Disa' Skeda tal-Kap. 406 ukoll tikser il-jeddijiet imħarsa taħt l-Art. 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni;

“4. tgħid illi d-dewmien fl-appuntament tal-appell għas-smigħ jikser il-jeddijiet imħarsa taħt l-Art. 39(2) u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni;

“5. tagħti kumpens xieraq lill-attriċi; u

“6. tagħti kull rimdju ieħor li jidhrilha xieraq u, jekk tiċħad it-talbiet ta’ qabel din, tordna għallinqas illi jieqaf igħaddi l-imgħax mid-data tal-preżentata tal-appell (quddiem il-Bord tal-Appelli).

“L-intimati wieġbu fid-9 ta’ Diċembru 2008 u ressqu dawn l-eċċezzjonijiet preliminari, fost oħrajn:

“1. l-Onorevoli Prim Ministru, l-Avukat Ġenerali u l-Bord tal-Appelli għandhom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju fid-dawl ta’ dak li jgħid l-Art. 181B tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, billi l-Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali kienu mħarrka għalxejn, u l-Bord tal-Appelli ma jistax ikun imħarrek fil-kawża tal-lum; u

“2. il-Qorti għandha tagħżel li ma tinqediex bis-setgħat tagħha taħt il-Kostituzzjoni, fid-dawl ta’ dak li jingħad fil-*proviso* tal-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni għax is-soċjetà attriċi għadha ma fittxitx ir-rimedji kollha li tagħtiha l-liġi ordinarja.

***“Dwar l-eċċezzjoni ta’ nuqqas ta’ leġittimazzjoni passiva***

“Inqisu l-ewwel l-eċċezzjoni dwar nuqqas ta’ leġittimazzjoni passiva, u nidbew billi naraw jekk korp ġudizzjarju, bħalma huwa l-Bord tal-Appelli, jistax ikun imħarrek biex iwieġeb għall-għemil ġurisdizzjonali tiegħu.

***“Dwar jekk il-Bord tal-Appelli jistax ikun imħarrek***

“Biex tegħleb din l-eċċezzjoni s-soċjetà attriċi qiegħda tistrieħ fuq sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta’ Lulju 2005 *in re* *I.T.C. Limited versus* l-Avukat Ġenerali, il-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti u d-Direttur

tal-Kuntratti[1]. Is-silta relevanti hija miġjuba hawn taħt. Għandu jingħad illi din is-silta hija meħuda mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili billi dwar il-kwistjoni hemm imsemmija ma kienx sar appell u għalhekk il-Qorti Kostituzzjonali ma kellhiex okkażjoni tippronunzja ruħha dwarha.

""Illi għar-rigward tal-eċċezzjoni li l-bord intimat m'huwiex azzjonabbli dwar il-funzjonijiet ġudikattivi tiegħu, il-Qorti tgħid biss li s-seta' ta' din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha li tistħarreġ ilmenti ta' allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali mħarsa mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni testendi wkoll saħansitra fl-operat ta' qrati oħrajn u kif ukoll ta' tribunali maħtura bis-saħħa ta' xi liġi, u kif ukoll ta' kummissjonijiet imwaqqfin bis-saħħa ta' dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni nnifisha. Ma ngħatat l-ebda raġuni tajba għaliex il-bord intimat għandu jingħata trattament preferenzjali jew differenti f'dan il-każ. Li kieku dak li qiegħed igħid il-bord intimat kellu jintlaqa' dan ikun ifisser li dak l-organu amministrattiv ikun qed jitpoġġa 'l fuq mill-ogħla liġi tal-pajjiż."

"Huwa minnu illi din il-Qorti għandha s-seta' li tistħarreġ l-għemil ta' qrati u tribunali oħra għax, kif sewwa jingħad fis-silta miġjuba fuq, ħadd ma huwa 'l fuq mil-liġi. Dan iżda ma jfissirx illi għandu jkun it-tribunal stess li jkun imħarrek biex iwieġeb għal-għemil ġurisdizzjonali tiegħu.

"Id-dmir li joħloq l-istrutturi meħtieġa — sew jekk dawn ikunu qrati kif ukoll jekk ikunu tribunali amministrattivi mmexxija minn imħallfin jew maġistrati jew minn ġudikanti mhux togati — sabiex jitħarsu d-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni huwa dmir tal-istat. Jekk dik l-istruttura — fil-każ tal-lum il-Bord tal-Appell — tonqos li jħares dawk id-dispożizzonijiet fundamentali, ikun l-istat li jwieġeb għal dak in-nuqqas. Għalhekk, kontradittur leġittimu huwa l-istat, li, skond id-dispożizzjonijiet tal-art. 181B(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jidher għalih l-Avukat Ġenerali f'isem il-Gvern ta' Malta.

[1] Rikors kostituzzjonali numru 8/2004.

"Ma huwiex kontestat illi l-imħallfin u l-maġistrati ma jistgħux ikunu mħarrkin biex iwieġbu għall-għemil ġudizzjarju tagħhom, mhux għax din l-immunità hija xi privileġġ tagħhom iżda għax hija meħtieġa għall-ħarsien tal-indipendenza tagħhom. Tribunal amministrattiv, meta jagħti deċiżjoni dwar id-drittijiet ċivili ta' min jidher quddiemu, ukoll għandu jkollu l-kwalitajiet ta' tribunal indipendenti, ukoll meta ma jkunx immexxi minn imħallef. Għalhekk, la t-tribunal innifsu u lanqas il-membri tiegħu (sakemm ma tinġiebx xhieda ta' għemil doluż, għax *fraus omnia corrumpit*) ma jistgħu jkunu mħarrkin biex iwieġbu għall-għemil ġudizzjarju tagħhom[2].

"Il-Qorti għalhekk tilqa' l-eċċezzjoni tal-Bord tal-Appelli u teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju.

***"Dwar jekk kienx imħarrek sew l-Avukat Ġenerali***

"Minn dak li ngħad fuq, jidher ċar li l-Avukat Ġenerali kellu jkun parti fil-kawża u kien imħarrek sew. Il-Bord tal-Appelli għandu jkun indipendenti mill-Kummissarju, li għalhekk ma jweġibx għall-għemil tal-Bord. Kif rajna, huwa dmir tal-istat li joħloq l-istrutturi li jħarsu dak li jridu l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni. Billi dan id-dmir ma jaqax fuq xi wieħed jew ieħor mill-kapijiet tad-dipartimenti tal-Gvern, huwa l-Avukat Ġenerali li, kif igħid l-Art. 181B(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jidher f'isem il-Gvern f'kawżi bħal dik tal-lum.

"Il-Qorti għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali b'talba biex dan jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju.

***"Dwar jekk kienx imħarrek sew l-Onor. Prim Ministru***

"Ukoll għar-raġuni miġjuba fuq – *i.e.* illi l-Art. 181B(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jrid illi jkun l-Avukat Ġenerali li jidher f'isem il-Gvern f'kawżi bħal dik

---

2 Ara *Goldvest Company Limited vs* Avukat Ġenerali (Kost. 30 ta' Mejju 2001); Anthony Pace *vs* Avukat Ġenerali *et* (Kost. 2 ta' Novembru 2001).

tal-lum – il-Prim Ministru ma kellux għalfejn ikun imħarrek, u l-Qorti għalhekk tilqa' l-eċċezzjoni tal-Prim Ministru u teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju.

***"Dwar jekk is-soċjetà attriċi għandhiex rimedji biżżejjed taħt il-liġi ordinarja***

"Ngħaddu issa biex inqisu l-eċċezzjoni li tgħid illi s-soċjetà attriċi għandha rimedji taħt il-liġi ordinarja, li għadha ma nqdietx bihom, u li għalhekk il-Qorti m'għandhiex f'dan il-waqt tqis it-talbiet tal-attriċi għal rimedji straordinarji.

"Is-soċjetà attriċi tgħid illi r-rimedji li qiegħda titlob huma ta' natura kostituzzjonali u hija biss din il-Qorti li tista' tagħti dawn ir-rimedji. Fir-rikors tagħha l-attriċi tgħid, testwalent, hekk:

""… … … il-pern tal-appell u l-lanjanza prinċipali tal-appellant/esponent hekk kif tirriżulta mir-rikors tal-appell tiegħu hija prinċipalment ta' natura kostituzzjonali.

"… … …

"… … … la l-Bord u lanqas il-Qorti tal-Appell ma jistgħu jagħtu rimedji xierqa għall-ksur allegat mill-esponenti u għalhekk kellha tinfetaħ din il-kawża."

"Fin-nota ta' referenzi tal-20 ta' Jannar 2009 l-attriċi kompliet tgħid hekk:

""Huwa importanti illi jiġi mtenni illi t-talbiet tar-rikorrenti huma ċari – ir-rikorrenti qed jitlob, fost l-oħrajn, id-dikjarazzjoni ta' nullità ta' diversi provvedimenti fl-Att dwar il-*VAT* għaliex tali provvedimenti huma inkompatibbli mal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-azzjoni tar-rikorrenti hija azzjoni pubblika naxxenti mill-istess Kostituzzjoni. Għalhekk huwa ċar u manifest illi n-natura ta' din l-azzjoni hija pależement waħda ta' natura kostituzzjonali u wieħed ma jistax jimmaġina rimedju ordinarju."

"Dan, iżda, ma huwiex argument tajjeb: il-kwistjoni ma hijiex jekk Qorti oħra jew tribunal ieħor jistgħux jagħtu

rimedji kostituzzjonali, iżda l-kwistjoni hija jekk humiex meħtieġa dawk ir-rimedji: jekk hemm rimedji taħt il-liġi ordinarja li l-attriċi tista' jew setgħet tinqeda bihom, mela jkun prematur li jintalbu rimedji straordinarji, kemm jekk jintalbu mingħand din il-Qorti u kemm jekk jintalbu mingħand xi tribunal ieħor. Lanqas ma hija din xi *actio popularis* taħt l-Art. 116 tal-Kostituzzjoni.

"Li rridu naraw, għalhekk, hu jekk il-liġi ordinarja tagħtix rimedji li l-attriċi għandha jew kellha tinqeda bihom qabel ma tiftaħ proċeduri bħal dawk tal-lum. Dan l-eżami għandu jsir dwar kull wieħed mill-ilmenti tal-attriċi, *viz.* ksur tal-jedd ta' proprjetà, ksur tal-jedd ta' aċċess għal Qorti, u ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli quddiem tribunal indipendenti.

***"Dwar jekk hemmx rimedji ordinarji biex iħarsu kontra ksur tal-jedd ta' proprjetà***

"Nibdew billi naraw jekk is-soċjetà attriċi għandhiex rimedji oħra biex iħarsuha kontra ksur tal-jedd ta' proprjetà.

"L-argument tal-attriċi huwa illi l-imgħax li jibqa' għaddej – bis-saħħa tal-Art. 21(4) tal-Kap. 406 – fuq it-taxxa kontestata waqt li għaddejjin il-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appelli ma jħarisx il-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' moralità fiskali u ta' kapaċità kontributtiva, u għalhekk jikser il-jedd għat-tgawdiija tal-proprjetà.

"Dan l-imgħax ikollu jitħallas jekk it-taxxa kontestata tkun dovuta; jekk it-taxxa ma tkunx dovuta, *i.e.* jekk l-attriċi tirbaħ l-appell, la t-taxxa u lanqas l-imgħax fuqha ma jkollhom jitħallsu, il-kwistjoni quddiem din il-Qorti ssir waħda akkademika u l-attriċi ma jifdlilhiex interess fiha għax tkun sabet rimedju effettiv fil-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appelli.

"Għal din ir-raġuni, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan l-istadju ma għandhiex tinqeda bis-setgħat tagħha taħt il-Kostituzzjoni u taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja dwar l-allegazzjoni ta' ksur tal-jedd imħares taħt l-Art. 6 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll.

***"Dwar jekk hemmx jedd effettiv ta' aċċess għal Qorti u għal smigħ u deċiżjoni fi żmien raġjonevoli taħt il-liġi ordinarja***

"L-attriċi qiegħda tgħid ukoll illi l-imgħaxijiet li jibqgħu telgħin waqt li għaddejjin il-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appelli u quddiem il-Qorti tal-Appell effettivament iċaħħduha minn aċċess għal rimedju ġudizzjarju għax il-biża' li jkollha tħallas dawk l-imgħaxijiet jaqtgħulha qalbha u jdgħajjfulha r-rieda li tkompli bil-proċeduri. Marbut ma' dan hemm l-ilment ta' dewmien fl-appuntament tal-appell għas-smigħ għax, aktar ma jdum biex jinstema' u jinqata' l-appell, aktar sejrin jitilgħu l-imgħaxijiet u akbar ikun l-ostakolu biex l-attriċi tfittex u tikseb rimedju taħt il-liġi ordinarja.

"Id-deċiżjoni tkomplix jew le bil-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appelli hija waħda li l-attriċi trid tieħu f'kull waqt tal-proċeduri, u jista' jasal waqt – jekk il-proċeduri jdumu biżżejjed – meta jkollha tiddeċiedi ċċedix il-proċeduri jew tiħux ir-riskju illi, jekk titlef l-appell, tkun daħlet għal piż ta' imgħaxijiet akkumulati li ma tifilħux. F'dawk iċ-ċirkostanzi l-possibbiltà ta' rimedju eventwali taħt il-liġi ordinarja – *i.e.* illi tirbaħ l-appell u hekk la jkollha tħallas it-taxxa kontestata u lanqas l-imgħaxijiet fuqha – ftit li xejn tkun tiswielha, jekk biex iżżomm ħajja dik il-possibbiltà jkollha tieħu riskju ta' falliment finanzjarju.

"Fil-fehma tal-Qorti għalhekk, jekk il-biża' ta' imgħaxijiet akkumulati huwa ta' ostaklu mhux raġjonevoli għall-aċċess lil Qorti – ħaġa li għad irridu narawha meta nqisu l-każ fil-meritu – ma hemmx rimedju taħt il-liġi ordinarja għal dak l-ostakolu, u ma huwiex il-każ illi l-Qorti tagħżel illi ma tinqediex bis-setgħat tagħha taħt il-Kostituzzjoni u taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja dwar dan l-ilment.

***"Dwar jekk hemmx rimedju ordinarju jekk il-Bord tal-Appelli ma huwiex tribunal indipendenti***

“Fadal li nqisu jekk hemmx rimedju taħt il-liġi ordinarja għall-aħħar ilment tal-attriċi, li qiegħda tgħid illi l-Bord tal-Appelli ma huwiex tribunal indipendenti.

“L-Art. 47 tal-Kap. 406 jagħti lil dik il-parti “li tħoss ruħha aggravata b’deċiżjoni” tal-Bord tal-Appelli l-jedd li tappella lill-Qorti tal-Appell. Tassew illi l-appell jista’ jsir “fuq kull punt ta’ liġi biss”; madankollu, sakemm il-proċeduri għadhom għaddejjin u għad jista’ jkollhom eżitu favorevoli għall-attriċi, ikun prematur illi din il-Qorti tistħarreġ fuq l-ilment tal-attriċi meta jista’ jiġri illi dan ikun ta’ interess akkademiku biss.

“Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi, f’dan l-istadju, ikun xieraq illi, dwar dan l-ilment, tagħżel illi ma tinqediex bis-setgħat tagħha taħt il-Kostituzzjoni u taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja.

***“Konklużjoni***

“Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti:

“1. teħles lill-Onorevoli Prim Ministru u lill-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud mill-ħarsien tal-ġudizzju;

“2. tiċħad l-eċċezzjoni illi l-Avukat Ġenerali għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju;

“3. tagħżel illi, dwar l-ilmenti ta’ ksur tal-jedd ta’ proprjetà u tal-jedd għal tribunal indipendenti, ma tinqediex bis-setgħat tagħha taħt il-Kostituzzjoni u taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja; u

“4. tordna li jitkompla s-smigħ dwar l-ilment ta’ ksur tal-jedd għal aċċess għal Qorti u għal smigħ u deċiżjoni fi żmien raġjonevoli.

“L-ispejjeż tal-Onorevoli Prim Ministru u tal-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għandha tħallashom is-soċjetà attriċi; dwar l-ispejjeż l-oħrajn ikun hemm deċiżjoni fis-sentenza finali.”

B'sentenza ohra tal-ewwel Qorti, din id-darba tat-8 ta' Mejju 2009, gie deciz li kien hemm ksur tal-jedd ta' access ghal Qorti minhabba fl-impozizzjoni ta' imghax bir-rata li jrid l-Art. 21(4) tal-Kap. 406, u b'rimedju għal dan ordnat illi l-imghax – jekk eventwalment ikollu jithallas, skond id-decizjoni li ghad trid tinghata mill-Bord – ma jkunx ghola minn dak li jippermetti l-Art. 1852 tal-Kodici Civili.

F'din is-sentenza l-ewwel Qorti ddecidiet hekk:

"F'din il-kawża s-soċjetà attriċi b'rikors tal-4 ta' Novembru 2008 qiegħda titlob rimedju għax tgħid illi diversi dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ["Kap. 406"] jiksru l-jeddijiet tagħha għal smigħ xieraq u għall-ħarsien tat-tgawdija tal-beni tagħha, imħarsa taħt l-Art. 39(2) u 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"], l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"] u l-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ["l-Ewwel Protokoll"]. Għal din it-talba l-konvenuti wieġbu fid-9 ta' Diċembru 2008.

"It-talbiet tal-attriċi u r-raġunijiet għalihom huma miġjuba f'sentenza mogħtija fit-3 ta' Marzu 2009. F'dik is-sentenza l-Qorti, wara li ħelset lill-Onorevoli Prim Ministru u lill-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud mill-ħarsien tal-ġudizzju, u għażlet li ma tinqediex bis-setgħat tagħha taħt il-Kostituzzjoni u taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja dwar l-ilmenti ta' ksur tal-jedd ta' proprjetà u tal-jedd għal tribunal indipendenti, ordnat illi jitkompla s-smigħ dwar l-ilment ta' ksur tal-jedd għal aċċess għal Qorti u għal smigħ u deċiżjoni fi żmien raġjonevoli.

"Il-fatti relevanti, fil-qosor, huma dawn:

"F'tilwima li għandha mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ["il-Kummissarju"] is-soċjetà attriċi għamlet appell li qiegħed jistenna sabiex jinstema' quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ["il-Bord tal-Appelli"], iżda qiegħda taqta' qalbha tkomplix tistenna sakemm jinstema' dan l-appell għax tibża' illi, jekk l-appell jinqata' kontriha, tkun daħlet taħt toqol ta' imgħaxijiet li ma

tiflaħx għalih minħabba f'dak li jgħid u jrid l-Art. 21(4) tal-Kap. 406 li jgħid hekk:

"" **21.** (4) Ikun dovut imgħax fuq kull taxxa li ma titħallasx sad-data li fiha jkollha titħallas bir-rata ta' wieħed fil-mija għal kull xahar jew parti minnu li l-imsemmija taxxa tibqa' ma titħallasx jew b'kull rata oħra hekk kif jista' jiġi preskritt:

" Iżda l-imgħax li jkun għaddej fuq xi ammont ta' taxxa dovut li jkun il-mertu ta' appell quddiem il-Bord tal-Appelli għandu jiġi sospiż għal perjodu li jeċċedi x-xahrejn mid-data tal-aħħar seduta tal-Bord tal-Appelli li tirrelata ma' dak l-appell u d-data li fiha tingħata deċiżjoni mill-Bord jew sentenza finali mill-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri), skond il-każ."

"Dan l-imgħax, tgħid l-attriċi, huwa "intimidatorju", u jmur kontra l-prinċipju ta' *equality of arms* għax kulljum li jgħaddi jkompli jiżdied u b'din it-theddida jdgħajjef ir-rieda tagħha li tkompli bl-appell. Effettivament għalhekk, tgħid l-attriċi, qiegħda tkun imċaħħda mill-jedd ta' aċċess għal Qorti fl-istess waqt li tkun ukoll imċaħħda minn smigħ fi żmien raġjonevoli.

"Għandu jingħad qabel xejn illi l-kwistjoni fil-kawża tal-lum hija dwar jedd ta' aċċess għal Qorti u għalhekk ma tintlaqatx bl-eċċezzjoni tal-konvenuti li f'materja ta' obbligazzjonijiet fiskali ma jgħoddux id-dispożżizzjonijiet tal-art. tal-Konvenzjoni. Dwar dan, il-pożizzjoni legali hija ċara u kienet imfissra fis-sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali *in re* Pig Breeding Company Limited *v.* Kummissarju tat-Taxxi Interni *et* fis-6 ta' April 2006, Anthony Frendo *v.* Avukat Ġenerali *et* fit-30 ta' Novembru 2001, u Vincent Cilia *v.* Prim'Ministru *et* fit-28 ta' Jannar 2005.

"L-eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.

"Dwar il-meritu, il-Qorti tifhem illi l-ilment tal-attriċi ma huwiex kontra l-impożizzjoni ta' imgħaxijiet *per se* għax l-impożizzjoni ta' imgħax kontra min ma jħallasx dejnu meta għandu jħallsu hija miżura leġittima; l-ilment huwa illi

dawn l-imgħaxijiet baqgħu għaddejjin minħabba mogħdija ta’ żmien sakemm il-Bord jappunta l-appell għas-smigħ, u dwar dan l-attriċi ma setgħet tagħmel xejn. Għalhekk, effettivament, jista’ jiġri illi l-attriċi jkollha tħallas imgħax għaż-żmien li jdum il-Bord biex jappunta, jisma’ u jaqta’ l-każ, u mhux għad-dewmien tagħha biex tħallas.

“L-appell tal-attriċi kien preżentat fid-9 ta’ Awwissu 2006, u l-appell quddiem il-Bord instema’ għall-ewwel darba fit-23 ta’ Settembru 2008, ftit aktar minn sentejn wara. Dan fih innifsu ma huwiex żmien esaġġerat. Anzi, l-appuntament ta’ kawżi fi żmien meta l-listi jippermettu li jistgħu jinstemgħu flok ikunu appuntati f’qasir żmien biex ikomplu jitgħabbew listi ġà mgħobbija aktar milli jifilħu jista’ jkun prinċipju tajjeb ta’ effiċjenza ġudizzjarja.

“Għalhekk, l-appuntament tal-kawżi wara żmien – u fiċ-ċirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma illi sentejn ma huwiex żmien esaġġerat – huwa ħtieġa imposta mill-esiġenzi tal-effiċjenza ġudizzjarja, u l-Qorti ma tarax illi kien hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.

“Lanqas il-fatt illi l-imgħaxijiet jibqgħu għaddejjin sakemm il-kawża tinstema’ u tinqata’ ma huwa bilfors ksur tal-jedd għal aċċess għal Qorti. F’kawża bejn privati, huwa raġjonevoli li l-imgħaxijiet jibqgħu għaddejjin għax inkella jġarrab telf il-kreditur u jagħmel qligħ bla mistħoqq id-debitur, li jkollu flus il-kreditur f’idejh u jista’ jgawdihom matul dak iż-żmien. Fil-każ tal-lum, iżda, is-sitwazzjoni hija differenti għal żewġ raġunijiet:

“1. għax ir-rata ta’ imgħax hija għola minn dik li titħallas fuq djun bejn privati, u għalhekk għandha elementi mhux biss kompensatorji iżda punitivi wkoll; u

“2. għax f’kawża bħal dik quddiem il-Bord huwa organu tal-istat – il-Kummissarju – li jgawdi minn dak li jagħmel, jew jonqos li jagħmel, organu ieħor tal-istat – il-Bord.

“Għalhekk, filwaqt li huwa raġjonevoli illi l-attriċi ma titħalliex tieħu bla ħlas il-benefiċċju li għandha f’idejha flus

il-Kummissarju u tkompli tgawdihom sakemm jinqata' l-appell, jekk dan jinqata' kontra tagħha, ma huwiex raġjonevoli u proporzjonat illi dan il-ħlas – l-imgħax – ikun għola minn dak li jitħallas fi djun bejn ċittadini privati. Dan l-imgħax b'rata għola milli mistħoqq jista' jkollu l-effett li potenzjalment ikabbar id-dejn hekk li effettivament l-attriċi ma jkollhiex għażla ħlief li ċċedi l-appell biex ma tiħux ir-riskju ta' falliment finanzjarju.

"Il-Qorti għalhekk issib illi, fiċ-ċirkostanzi, hemm ksur tal-jedd ta' aċċess għal Qorti.

"Ir-rimedju wkoll għandu jkun proporzjonat, u, fil-fehma tal-Qorti, għandu jkun dak biss meħtieġ biex l-attriċi ma titqigħedx f'sitwazzjoni agħar milli kienet tkun li kieku l-avversarju tagħha ma kienx organu tal-istat iżda ċittadin privat ieħor.

"Il-Qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tgħid illi kien hemm ksur tal-jedd ta' aċċess għal Qorti minħabba fl-impożizzjoni ta' mgħax bir-rata li jrid l-art. 21(4) tal-Kap. 406, u b'rimedju għal dan tordna illi l-imgħax – jekk eventwalment ikollu jitħallas, skond id-deċiżjoni li għad trid tingħata mill-Bord – ma jkunx għola minn dak li jippermetti l-Art. 1852 tal-Kodiċi Ċivili.

"L-ispejjeż tal-kawża – ħlief dawk li dwarhom ġà ngħatat deċiżjoni fis-sentenza tat-3 ta' Marzu 2009 – għandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet."

**Appell tal-intimati**

L-intimati appellaw miz-zewg sentenzi tal-ewwel Qorti.

**Fatti mertu tal-kawza**

Qabel ma tghaddi biex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanti, il-Qorti se taghti sfond fil-qosor tal-mertu tal-kawza:

Is-socjetà rikorrenti kienet appellat quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u pendenti dak l-appell, ghamlet din il-kawza Kostituzzjonali biex tghid li

qieghda taqta’ qalbha tkompli b’dak l-appell ghax tibza’ li, jekk l-appell jinqata’ kontra taghha, hi tkun tghabbiet b’piz ta’ imghaxijiet li ma tiflahx ghalih minhabba f’dak li jghid l-Art. 21(4) tal- Kap. 406. Is-socjeta` rikorrenti tghid li l-imghax huwa wiehed intimidatorju u prjobittiv, u jmur kontra l-principju ta’ *equality of arms* ghax kulljum li jghaddi jkompli jizdied u b’din it-theddida tidghajjef ir-rieda taghha li tkompli bl-appell. B’hekk hija qieghda tigi mcahhda mill-jedd ta’ access ghal Qorti.

**Decizjoni preliminari moghtija fit-3 ta’ Marzu, 2009**

<u>Rimedju ordinarju</u>

L-aggravju tal-appellanti fir-rigward ta’ din is-sentenza hu li (i) fir-rigward tal-jedd ghal access ghal Qorti, is-socjeta` rikorrenti kellha rimedju taht il-ligi ordinarja billi l-Kap. 406 jipprovdi li l-Bord jista’ jaghti kull provvediment li jidhirlu xieraq a tenur tal-partita 3(1) ta’ Skeda 9, inkluz tnaqqis jew sospensjoni ta’ imghax u (ii) dwar l-allegazzjoni li d-dewmien fl-appuntament tal-appell kiser id-dritt tas-socjeta` rikorrenti ghal smigh xieraq f’qasir zmien, l-ilment kien wiehed prematur billi l-process gudizzjarju jrid jigi ezaminat fit-totalita` tieghu biex tinsab lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Ghalhekk l-ewwel Qorti messha ddeklinat li tisma’ dan l-ilment ladarba l-appell kien qed jinstema’ quddiem il-Bord.

Is-socjeta` appellata ssostni li sentenza tat-3 ta’ Marzu 2009 ghandha tigi kkonfermata billi l-ewwel Qorti gustament ezercitat id-diskrezzjoni taghha stante li d-dritt fundamentali tas-socjeta` rikorrenti kien gie lez mal-prezentata tal-appell. Inoltre l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni japplika anke jekk d-drittijiet fundamentali jkunu <u>x’aktarx se jigu miksura</u> u mhux biss meta fil-fatt jinkisru.

L-ewwel Qorti ddecidiet li ma tiddeklinax milli tinqala bis-setghat taghha taht il-Kostituzzjoni u taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja dwar dan l-ilment billi sostniet li d-decizjoni tas-socjeta` rikorrenti jekk tkomplix bil-proceduri quddiem il-Bord tal-Appelli jew tihux r-riskju illi, jekk titlef l-

appell, tkun dahlet ghal piz ta’ mghaxijiet akkumulati li ma tifilhux, iwassal ghal sitwazzjoni li f’dak il-kaz il-possibilita` ta’ rimedju eventwali taht il-ligi ordinarja ftit li xejn ikun jiswiha, jekk biex izzomm hajja dik il-possibilita` jkollha tiehu riskju ta’ falliment finanzjarju.

L-ewwel Qorti kkunsidrat il-ksur tal-jedd ta’ access ghal Qorti u ksur tal-jedd ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli flimkien, billi l-akkumulazzjoni ta’ imghaxijiet jeffettwa dawn iz-zewg drittijiet bl-istess mod.

Meta Qorti tigi mitluba biex tagħżel li ma tezercitax is-setgħat tagħha biex tisma’ lment kostituzzjonali billi r-rikorrent ikollu rimedju ordinarju, hi għandha dejjem diskrezzjoni li tagħżel li tibqa’ tisma’ l-kawża. Id-diskrezzjoni li tuża trid tkun pero` waħda prudenti u mehuda u fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja. Il-Qorti trid zzomm bilanc, mill-banda l-wahda, billi twaqqaf lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali, u mill-banda l-ohra billi ma thallix li jigi mahluq xkiel bla bzonn lil min genwinament ifittex rimedju kostituzzjonali. Izda fejn jidher li hemm ksur serju ta’ dritt fundamentali, il-Qorti ghandha xxaqleb lejn li tezercita` s-setgha kostituzzjonali taghha (ara Qorti Kostituzzjonali Appell, **O. Tretyak v. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs** deciza fis-16 ta’ Jannar 2006).
Fil-fehma ta’ din il-Qorti, fil-kaz in ezami, r-rimedju li l-appellanti qed ighidu li s-socjeta` appellata kellha ma kienx adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta’ ksur li kienet qed tilmenta minnu s-socjeta` rikorrenti u ghalhekk ma setghax jigi segwit b’mod prattiku stante li kollox kien jiddependi mid-decizjoni tal-Bord li ma kienx obbligat u lanqas ma wera li kien dispost li jissospendi l-imghax jew id-dekorrenza tieghu. Kollox kienu jiddependi u kien fid-diskrezzjoni tal-Bord. Din il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-ewwel Qorti f’dan ir-rigward.

L-appellanti pero` ssottomettew ukoll li biex tinsab lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar l-ilment li kien hemm nuqqas ta’ smigh xieraq f’qasir zmien ragjonveoli, il-process gudizzjarju jrid jigi ezaminat fit-totalita` tieghu.

Dwar din il-lanjanza gie deciz diversi drabi mill-Qorti ta' Strasbourg li:

*"The Court recalls that the question whether or not court proceedings satisfy the requirements of Article 6 § 1 of the Convention can only be determined by examining the proceedings as a whole, i.e. once they have been concluded. However, it is not impossible that a particular procedural element could be so decisive that the fairness of the proceedings could be determined at an earlier stage (see* ***Pace v. Malta,*** *no. 30651/03 As to Admissability;* ***R.D. v. Spain****, no. 15921/89, Commission decision of 1 July 1991, Decisions and Reports (DR) 71, pp. 236, 243-244 u* ***van Dijk and van Hoof,*** *Theory and Practice of the European Convention on Human Rights. 4th Ed. Page 579)."*

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ilment tas-socjeta` rikorrenti dwar id-dritt taghha li tkun tista' tkompli bl-appell u li ma jkunx hemm restrizzjonijiet intimidatorji fuq dan id-dritt b'mod li jcahduha mill-access ghal Qorti, huwa element procedurali deciziv li ma jistax jistenna li jintemmu l-proceduri kollha qabel hi tkun tista' tressaq dan l-ilment.

Ghalhekk dan l-aggravju tal-appellanti qieghed ukoll jigi michud.

**Sentenza moghtija fit-8 ta' Mejju, 2009**

Obbligazzjonijiet fiskali u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

F'din is-sentenza l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-appellanti fejn qalu li f'materja ta' obbligazzjonijiet fiskali l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma japplikax. L-ewwel Qorti cahdet li kien hemm ksur tal-jedd ta' access ghal Qorti u ghal smigh u decizjoni fi zmien ragjonevoli, izda ddikjarat li kien hemm ksur tal-jedd ta' access ghal Qorti minhabba l-imposizzjoni ta' imghax bir-rata ta' 1% fix-xahar.

L-ewwel aggravju tal-appellanti dwar din is-sentenza huwa li kwistjonijiet prettament amminstrattivi, bhalma

huwa l-obbligu li tithallas it-taxxa, huma espressament eskluzi mill-ambitu tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u saret referenza ghal diversi sentenzi tal-Qorti Ewropeja[3]. L-appellanti ssottomettew li fil-fattispecie s-sentenzi li l-ewwel Qorti ghamlet riferenza ghalihom huma ben diversi minn dawk li taw lok ghal din il-vertenza. Huma jghidu li fil-kaz in ezami ma kien hemm ebda pre-kondizzjoni ghall-validita` tal-appell tas-socjeta` rikorrenti quddiem il-Bord, u ghalhekk l-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni u 39 tal-Kostituzzjoni ma kellhomx japplikaw.

Is-socjeta` appellata wiegbet billi regghet irriferiet ghas-sentenza ta' din il-Qorti (diversament komposta) fl-ismijiet **Pig Breeding Co.Ltd v. Avukat Generali u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni** (19/2004) imsemmija mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha. Tghid li x-xkiel ghal appell jista' jiehu diversi forom u f'dan il-kaz l-ostakolu kien ir-riskju ta' imghax eccessiv u mhux proporzjonat li ntimida lill-appellata milli tkompli bl-appell. Inoltre anke jekk il-Bord jista' jissospendi l-imghax, f'dan il-kaz ma giex dikjarat li l-Bord kien ser jaghmel hekk.

L-ewwel Qorti ddecidiet li l-kwistjoni kienet dwar jedd ta' access għal Qorti u ghalhekk ma laqghetx l-eccezzjoni tal-konvenuti li f'materja ta' obbligazzjonijiet fiskali ma jgħoddux id-dispożżizzjonijiet tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni. Skond il-Qorti, il-posizzjoni legali kienet cara u giet imfissra fis-sentenzi moghtija minn din il-Qorti (diversament komposta) *in re* **Pig Breeding Company Limited v. Kummissarju tat-Taxxi Interni** et fis-6 ta' April 2006, **Anthony Frendo v. Avukat Generali** et fit-30 ta' Novembru 2001, u **Vincent Cilia v. Prim'Ministru** et fit-28 ta' Jannar 2005.

Issa, bhala regola l-imposizzjoni u l-hlas tat-taxxa mill-Istat hu essenzjalment oneru purament fiskali u ghalhekk hu obbligu li m'ghandux jigi kwalifikat bhala *civil rights and obligations* (**Schouten and Medrum v. The Netherlands** u **Ferrazzini vs Italy**). Mill-banda l-ohra fl-ezercizzju tad-dritt tal-istat li jimponi t-taxxi u jezigi l-hlas taghhom, hu

[3] Ara nota ta' l-appell ta' l-intimati.

kellu josserva l-harsien ta' jeddijiet ohra, fosthom dawk protetti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni, inkluz li jkun hemm bazi legali ghalihom, u li jkunu uzati ghall-iskop li ghalih l-Istat ikun inghata l-poter li jezigihom. Dan ifisser li f'materja ta' tassazzjoni, il-gurisdizzjoni tal-Qorti li tissindika l-operat tal-Istat mhiex kompletament eskluza. Ghalhekk filwaqt illi l-Qrati ma kellhomx dritt li jissindikaw, bhala regola, l-imposizzjoni ta' taxxi u l-mod kif dawn jigu ezatti mic-cittadin, sakemm dawn ikunu regolati b'ligi, dan ma jfissirx li cittadin ma kellux l-jedd biex jivverifika illi l-ligi tkun giet applikata sewwa fil-konfront tieghu.

Fil-kaz in ezami l-ligi tal-VAT tipprovdi ghall-mekkanizmu biex *taxpayer* ikun jista' jivverifika li l-ligi qed tigi amministrata korrettement fil-konfront tieghu, u senjatament l-Att relattiv jaghtih id-dritt ta' appell quddiem il-Bord tal-Appelli, kif ukoll f'certi kazijiet, id-dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell, fuq punt ta' ligi biss. Ghalhekk, la darba l-ligi taghti dan id-dritt ta' access ghal Tribunal kwazi gudizzjarju u gudizzjarju rispettivament, isegwi li huma applikabbili wkoll il-garanziji kollha, fosthom dawk ghal smigh xieraq u access ghall-Qorti. Tali dritt ta' access huwa, ghalhekk, fih innifsu dritt privat, b'mod li l-garanziji msemmija ghandhom japplikaw.

L-intimati jissottomettu wkoll li f'dan il-kaz is-socjeta` rikorrenti ma kellha ebda kundizzjoni imposta fuqha biex l-appell taghha jigi meqjus validu. Il-Qorti pero` tirrileva li l-ostakoli jew limitazzjonijiet jistghu jkunu varji, u kull kaz irid jigi ezaminat fil-fattispecie partikolari tieghu u fil-fatt dan hu dak li se taghmel il-Qorti issa li se tikkunsidra t-tieni aggravju tal-appellanti.

L-ewwel aggravju, ghalhekk, qed jigi michud.

<u>Dritt ta' access ghal Qorti</u>

Fit-tieni aggravju, li jirrigwarda d-dritt ta' access ghal Qorti, l-appellanti jissottomettu li dan id-dritt mhux wiehed assolut izda jista' jkun suggett ghal limitazzjonijiet, ghalkemm dejjem ghandu jinzamm proporzjonalita` b'tali mod li d-dritt ta' access jiqba' rispettat. L-appellanti

jsostnu li s-socjeta` rikorrenti ma kellha ebda restrizzjoni finanzjarja biex tipprezenta l-appell taghha u filwaqt li huwa minnu li l-interessi jibqghu ghaddejjin pero` jekk jirrizulta li l-ammont reklamat mhux dovut allura japplika l-Artikolu 24(3)(4) tal-Kap. 406. Ikomplu jghidu li l-interessi huma imposti biex it-*taxpayer* jezercita d-dritt tal-appell b'responsabilita` u jekk ma jirrizultax li l-ilment tieghu kien fondat allura jkun gust li jithallsu l-interessi ghax ikun ifisser li dawk il-flus messhom kienu ilhom f'idejn l-erarju. Minn dan isegwi li l-qliegh li jkun ghamel it-*taxpayer* mill-flus li suppost thallsu lill-Kummissarju jaghmel tajjeb ghalih l-imghax impost. Ghalhekk, skond l-appellanti, f'dan il-kaz il-principju ta' proprozjonalita` gie rispettat.

Min-naha l-ohra s-socjeta` appellata ssostni li l-interessi "uzurai" jiksru l-valur tal-proporzjonalita` u jcahduha mill-access ghal Qorti billi l-imghax ta' 12% fis-sena hu sproporzjonat u intimidanti. Tant hu hekk li l-Gvern stess induna u bidel ir-regim tat-taxxa bl-Att II tal-2009, ghalkemm dan ma ghamlux applikabbli retrospettivament. Inoltre, tkompli tghid is-socjeta` appellata, wiehed irid jiftakar li f'dawn il-kazijiet l-imghax jiddekorri kemm fuq is-sorte kif ukoll fuq il-penali amministrattiva imposta. Meta l-Kummissarju jhallas lura bl-imghax, jekk jinstab li t-*taxpayer* kellu ragun (ara Artikolu 24(3) tal-Kap. 406) effettivament it-*taxpayer* ikun qed jithallas bil-7.8% u mhux bit-12% billi l-hlas li jircievi lura jitqies bhala *income* u jerga' jigi intaxxat.

Issa, l-ewwel Qorti ddecidiet li ma kienx hemm ksur tal-jedd ghal smigh xieraq fir-rigward taz-zmien li ttiehed biex l-appell jigi appuntat. Minn din id-decizjoni ma kienx hemm appell la min-naha tal-appellanti u lanqas min-naha tas-socjeta` rikorrenti. L-ewwel Qorti ddecidiet ukoll li l-fatt li l-imghaxijiet jibqghu ghaddejin sakemm il-kawza tinstema' u tinqata' ma kienx bilfors ksur tal-jedd ghal access ghal Qorti billi debitur ikollu l-flus f'idejh li jkun qed igawdi u juza u jaqla' minnhom. Fuq dan il-principju ma hemmx kontestazzjoni.
Izda f'dan il-kaz l-ewwel Qorti sabet li kien hemm lezjoni ghad-dritt ta' access ghal Qorti bl-imposizzjoni ta' imghax

bir-rata li jrid l-Artikolu 21(4) tal-Kap. 406, cioe` imghax bil-1% fix-xahar jew 12% fis-sena. Dan ghaliex:

1. Din ir-rata ta' imgħax hija għola minn dik li titħallas fuq djun bejn privati, u għalhekk għandha elementi mhux biss kompensatorji iżda punitivi wkoll; u

2. għax f'kawża bħal dik quddiem il-Bord, huwa organu tal-istat – il-Kummissarju – li jgawdi minn dak li jagħmel, jew jonqos li jagħmel, organu ieħor tal-istat – il-Bord.

Din il-Qorti, bir-rispett dovut, ma taqbilx ma' l-ahhar raguni li tat l-ewwel Qorti billi kienet l-istess Qorti li dddecidiet li ma kienx hemm dewmien irragjonevoli fl-appuntament tal-appell, li ha ftit aktar minn sentejn, u allura l-Kummissarju ma hu ser igawdi xejn, billi ma kien hemm ebda nuqqas mill-organu l-iehor tal-Istat.

Ir-ragunijiet l-ohra li wasslu lill-ewwel Qorti ghad-decizjoni taghha kienu li:

- Ma huwiex ragjonevoli u proporzjonat illi dan il-ħlas – l-imgħax – ikun għola minn dak li jitħallas fi djun bejn cittadini privati.

- Dan l-imgħax b'rata għola milli mistħoqq jista' jkollu l-effett li potenzjalment ikabbar id-dejn hekk li effettivament s-socjeta` rikorrenti ma jkollhiex għazla hlief li ccedi l-appell biex ma tihux ir-riskju ta' falliment finanzjarju.

Jidher li l-partijiet qed jaqblu dwar it-tifsira ta' dritt ta' access ghal Qorti u li jista' jkun hemm restrizzjonijiet ghal dan id-dritt, li mhux wiehed assolut. Li mhux qed jaqblu huwa jekk fil-fatt, fil-kaz in ezami u ghalhekk in konkret, gewx imposti bil-ligi restrizzjonijiet fuq is-socjeta` rikorrenti b'mod li jaqghtula qalbha milli tkompli bl-appell minhabba biza' ta' falliment finanzjarju.

Kif inhu risaput:

*"The right of access to court is not absolute but subject to limitations. By its very nature it calls for regulation by the State, which may vary in time and in place according to the needs and resources of the community and individuals. (**Golder,** para 38). The State has a margin of appreciation in making such regulations but the limitations applied must not restrict or reduce the access left to the individual in such a way that the very essence of the right is impaired. In addition, a limitation will not be compatible with Article 6, para. 1, if it does not pursue a legitimate aim and it there is not a reasonable proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved". (**Ashingdane** para.57)*

B'referenza ghar-restrizzjonijiet li jistghu jigu mposti, bhal per ezempju, *litigation costs*, gie deciz mill-Qorti Ewropeja li:

*"Litigation costs" per se do not appear to involve any right under substantive provisions (of the Convention) since they are "contributions" within the meaning of the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1 (A1P1). The Commission has found that the basic rule that costs follow the event in civil litigation is reasonable as such, acting as a disincentive to unnecessary litigation. The high cost of proceedings may raise a problem with respect to right of access to court, if it can be shown to have a prohibitive effect depriving an applicant of the essence of the right, (see **Ashingdane principles** imsemmija fuq) (**Kareen Reid: European Convention. Practical Guide**, page 75).*

L-ewwel ezami li trid taghmel il-Qorti huwa jekk il-ligi kontestata saritx ghal skop legittimu. Kif ighidu l-awturi[4], huma kazijiet rari fejn issib lezjoni taht dan it-*test* billi l-mizura bhala regola tkun bazata fuq il-ligi. F'dan il-kaz l-iskop li ghalih gie impost l-imghax pendenti l-appell kien biex it-taxpayer jezercita d-dritt ta' appell b'responsabilita` u jekk jirrizulta li l-ilment tieghu ma kienx fondat ikollu jhallas l-imghax ghax ikun ifisser li dawk il-flus messhom kienu f'idejn l-erarju qabel.

[4] Stavros Tsakyrakis: Proportionality : An assault on Human Rights?

It-*test* l-iehor li jrid jigi applikat huwa jekk kienx hemm restrizzjonijiet fid-dritt ta' appell tas-socjeta` rikorrenti tali li jammonta ghal *impairment of the essence of the right* b'mod li s-socjeta` rikorrenti imbaghad spiccat, jew x'aktarx li tispicca, minghajr id-dritt ta' access ghal Qorti.

Bil-ligi, wahda mill-funzjonijiet tal-Istat, hija li jigbor it-taxxi. Il-Qrati ma jissindakawx, bhala regola, dwar l-imposizzjoni ta' taxxi u li mod kif dawn jigu ezatti mic-cittadin, sakemm dawn huma regolati bil-ligi. Anke il-Konvenzjoni Ewropeja tirrikonoxxi dan id-dritt tal-istat *to secure the payment of taxes* <u>*or other contributions or penalties*</u>, u f'dan ir-rigward l-istat igawdi *a wide margin of appreciation*. Ghalhekk l-istat ma jistax jigi komparat ma' l-individwu privat u ma' kif l-individwu jigbor id-djun tieghu jew l-imghax li huwa jista' jitlob.
Ghalkemm l-Artikolu 1852 tal-Kodici Civili jipprojbixxi fil-kaz ta' individwi privati imghax li jaqbez it-tmienja fil-mija, fl-istess Kodici hemm disposizzjonijiet ohra li jippermettu imghax ghola minn dik ir-rata (ara Artkolu 1855A tal-Kap. 16). Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk il-fatt li giet imposta rata ghola minn dik ta' 8% *per se* mhiex intimidatorja jew projbittiva b'mod li, f'dan il-kaz, ittellef <u>necessarjament jew awtomatikament</u> id-dritt ta' access lis-socjeta` rikorrenti. Il-Qorti trid tara kull kaz fil-fattispecie tieghu u kif dik it-taxxa taffettwa lil dak it-*taxpayer*. Infatti fil-kaz ta' ***Kreuz*** [5]**,** fir-rigward ta' *court fees* il-Qorti ta' Strasbourg qalet li:

*"The Court observes that the requirement to pay court fees cannot be regarded as a restriction on the right of access to a court which is incompatible per se with Article 6 § 1 of the Convention. However, the amount of such fees assessed in the light of the particular circumstances of a given case, including the applicant's ability to pay them, and the stage of proceedings at which such a restriction is imposed, are factors which are material in determining whether or not a person enjoyed his right of access."*

[5] § 60).

Il-Qorti trid tara ghalhekk jekk fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, l-imposizzjoni ta’ taxxa ta’ 1% fix-xahar sakemm jinqata l-appell, effettivament cahdhietx lis-socjeta` rikorrenti, jew x’aktarx ser iccahhadha, mid-dritt ta’ appell taghha. Fil-fehma ta’ din il-Qorti s-socjeta` rikorrenti ma ressqet ebda prova dwar is-sitwazzjoni finanzjarja attwali taghha b’mod li l-Qorti setghet tevalwa jekk d-dritt ta’ appell taghha kienx qed jigi jew x’aktarx ser jigi lez jew affettwat negattivament. Ma kien hemm xejn xi jzomm lis-socjeta` rikorrenti milli tappella quddiem il-Bord u tissokkta bih sakemm il-Bord jasal ghal decizjoni finali tieghu. Is-socjeta` rikorrenti hi entita` kummercjali u l-imposizzjoni tat-taxxa, il-gbir taghha, u f’xi kazijiet l-kontestazzjoni taghha, huma konsiderazzjonijiet li kull negozjant jipprepara ruhu ghalihom u jaghmel riserva ghalihom fil-pjanijiet tieghu. Is-socjeta` rikorrenti, pero`, hawnhekk ma ressqitx provi li juru li ma kelliex mezzi jew li dawn ma kienux sufficjenti jew li l-quddiem hi mhux se tkun tiflah ghal piz tal-imghax akkumulat u ghalhekk ma tkunx tista’ tkompli bl-appell jew ikollha ccedih. Jigi rilevat li jekk jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti ghandha ragun, allura t-taxxa ma tithallasx izda jekk invece jirrizulta li t-taxxa kienet dovuta jfisser li s-socjeta` rikorrenti kienet qed izzomm f’idejha flus li ma kienux taghha. Il-Qorti tirrileva wkoll l-Bord stess jista’ jaghti rimedju provvisorju inkluza s-sospensjoni tal-imghax fejn jirrizulta li hemm ragunijiet biex isir hekk skond l-iskeda 9 Partita 3(1) tal-Kap. 406[6]. Ma jirrizultax pero` mill-process li saret xi talba mis-socjeta` rikorrenti biex fil-kaz taghha jkun hemm din is-sospenzjoni tal-imghax minhabba inabilita` taghha li thallas. Il-Bord ghalhekk ma setax ikun jaf li hemm dik l-intimidazzjonji u biza’ da parti tas-socjeta` rikorrenti.

Ghalhekk f’dawn il-cirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li ma kienx hemm provi bizzejjed quddiem l-ewwel Qorti li fuqhom hija setghet taghmel l-ezercizzju ta’ bilanc bejn interess tal-erarju min-naha wahda li jigbor it-taxxa dovuta

[6] 3.(1) Kap 406. Il-Bord ikun kompetenti li jisma’ kull appell li jsir kontra xi stima u li jikkonferma, inaqqas jew izid kull valur taxxabbli jew kreditu jew taxxa li jkunu gew stmati mill-Kummissarju jew li jhassar l-istima jew li jaghmel kull dikjarazzjoni jew ordni ohra hekk kif jidhirlu xieraq.

u l-interess tas-socjeta` rikorrenti li tkun tista' tappella min-naha l-ohra, b'mod li hi setghet tikkonkludi li minhabba r-rata ta' imghax oghla s-socjeta` rikorrenti setghet potenzjalment tigi f'posizzjoni li ma jkollhiex ghazla hlief li ccedi l-appell minhabba r-riskju ta' falliment finanzjarju.

Ghalhekk it-tieni aggravju tal-appellanti qed jiqi milqugh.

In vista li ntlaqa' t-tieni aggravju u l-konkluzjoni raggunta minn din il-Qorti, mhux il-kaz li l-Qorti tezamina t-tielet aggravju tal-appellanti li jirrigwarda r-rimedju li tat l-ewwel Qorti, billi din il-Qorti qed tiddeciedi li ma kien hemm ebda lezjoni tad-dritt tas-socjeta` rikorrenti ghal access ghal Qorti.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell mis-sentenza tal-ewwel Qorti tat-3 ta' Marzu 2009 fl-ismijiet **Clayton Communications Limited v. L-Onor. Prim Ministru et**, u tikkonferma dik is-sentenza; izda tilqa' l-appell fir-rigward tas-sentenza l-ohra u ghalhekk tirriforma s-sentenza l-ohra fl-istess ismijiet deciza fit-8 ta' Mejju 2009 billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn iddecidiet li f'materja ta' obbligazzjonijiet fiskali l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni huwa applikabbili, thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn iddecidiet li kien hemm ksur tal-jedd ta' access ghal Qorti minhabba fl-imposizzjoni ta' imghax b'rata li jrid l-Artikolu 21(4) tal-Kap. 406 u fejn ordnat li s-socjeta` rikorrenti tinghata r-rimedju indikat f'dik l-istess sentenza. L-ispejjez tal-ewwel istanza, fiz-zewg sentenzi, jibqghu kif deciz mill-ewwel Qorti; l-ispejjez ta' dan l-appell, bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------